MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Numru 294/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Versus**

**Carmel Camilleri**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmel Camilleri ta' 24 sena bin Emanuel u Maria Dolores nee Cutajar imwieled il-Pieta' fil-31 ta' Jannar 1981 u li joqgħod fl-indirizz 'Adrian' Triq G.Tragance, Luqa. Detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 92981 (M)

Akkużat talli:

1. Fis-17 t'Ottubru 2003 u fiż-żminijiet ta' qabel fil-Belt Valletta u f'postijiet oħrjan f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti

magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara jkunu ffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. Talli fl-istess ċirkostanzi xjentement għamel użu mill-istess skrittura jew skritturi foloz;

3.Talli fl-istess ċirkostanzi, li minħabba l-kariga jew impieg tiegħek, kien fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat għamel dikjarazzjoni falza jew ċertifika falz;

4. Talli fl-istess ċirkostanzi, b'falsifikazzjoni b'firem foloz jew tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi daħħal isem ta' persuna mhux vera għamel falsifikazzjoni fi skrittua private lit kun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli jew aktar billi xjentement għamel użu minnha;

5.Talli fl-istess ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi document falsifikat mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel;

6.Talli fl-istess ċirkostanzi approprija ruħu billi dawwar fi profit għalih jew għal persuna oħra mis-somma ta' aktar minn €2330(Lm1000) li ġiet fdata jew kienet ikkunsinnata lilu tħat titolu li jġib l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat minħabba l-kariga jew servizz tiegħu jew minħabba depożitu neċessarju għad-detriment tas-soċjeta' Joseph Borg Limited;

7.Talli fl-istess ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex ġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriċi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħadd ieħor jew ta' krediti

immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika għamel qligħ ta' aktar minn €2330 (elf lira Maltija) bi ħsara ta-soċjeta' Joseph Borg Limited;

8.Talli fl-istess ċirkostanzi, bi ħsara tas-soċjeta' Joseph Borg Limited, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn €2330 (Lm1000);

9. Talli b'hekk kiser il-provvedimenti dwar sentenzi sospiżi Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta mposti fuqu b'sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati tas-16 ta' Ġunju 2004;

10. B'hekk ukoll kiser il-kundizzjonijiet tal-Probation imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-15 ta' Mejju 2003[1];

11.B'hekk huwa jitqies reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien ikkundannat għal reati diversi mill-Qrati tal-Maġistrati (Malta) li saru definittivi.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-fedina penali ta' l-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 929 tas-sena 1981, il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni talbet li jitneħħew il-kliem ' u fil-21 ta' Lulju 2004' mill-għaxar imputazzjoni, l-istqarrija ta' l-imputat a fol.17, id-dokumenti ppreżentati mis-sur Adrian Meli, is-sentenza mogħtija fil-konfront ta' l-imputat mill-Maġistrat Dr.Consuelo Scerri Herrera mmarkata JC (fol.42), l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali a fol.56, ir-riċevuti li ppreżenta l-imputat biex juri li hu kien ħallas kollox lill-kumpanija, l-ittra iffirmata minn Joanna Meli għan-nom ta' JBL Joseph Borg Limited li turi li l-imputat kien ħallas kollox (fol.73), u l-ammissjoni ta' l-imputat magħmula fis-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2008 (fol.76) li biha huwa ammetta l-imputazzjonijiet kollha.

---

[1] Il-kliem 'u fil-21 ta' Lulju 2004 tneħħew fil-verbal ta' l-20 t'April, 2004 wara talba mill-Prosekuzzjoni

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-abbli Prosekutur u mill-abbli Difensur.

**Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn ġew ippruvati skond il-Liġi.**

**Konklużjoni**

Wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 28A, 49, 50, 183, 184, 185, 187, 189, 293, 294, 308, u 309 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li r-raba', il-ħames, is-sitta, is-seba' u t-tmien imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis dawn il-fatturi:

(i) Jirriżulta mill-istqarrija tiegħu stess li huwa kien lest li jħallas lura l-flus kollha;
(ii) Li effettivament huwa ħallas dawn il-flus u kien beda jħallas qabel is-seduta ta' l-20 t'April, 2005;
(iii) Li ammetta l-imputazzjonijiet **għalkemm mhux fil-bidu nett**.

**Għalhekk dwar il-piena qed tipprovdi kif ġej:**

(i) Wara li rat l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li matul dawn il-proċeduri l-imputat radd lura l-flus kollha, qed tvarja ż-żmien ta' sospensjoni li kien impost bis-sentenza tal-16 ta' Ġunju 2004 billi s-sentejn ta' priġunerija li għalihom kien ikkundannat ikunu sospiżi għal erba' snin oħra b'seħħ mil-lum;

(ii) Barra dan, ġaladarba huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-Probation li kienu mposti fuqu bis-sentenza tal-15 ta' Mejju 2003 (ara fol.45) wara li rat l-artikoli 17(b), 203(1)(b),u 86 u 87 tal-Kap 9, kif ukoll l-artikoli 22 u 23(1)(a) tal-Kap 446, qed tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9

għar-raġuni mogħtija fis-sub-paragrafu (i) u qed tikkundannah iħallas multa ta' €1160 (elf mija u sittin Ewro).

(iii) Wara li rat l-artikoli msemmijin aktar 'il fuq li għandhom x'jaqsmu mar-reati li għalihom l-imputat kien qed jirrispondi primarjament matul dawn il-proċeduri, u wara

(a) li reġgħet qieset li l-imputat **ħallas** lill-vittma,
(b) kif ukoll li l-artikolu 28A(7)(b)(ċ) jipprekludu lill-Qorti milli tagħti sentenza sospiża, u
(ċ) li l-imputat ingħata diversi ċansijiet oħra qabel u
(d) li għamel ammissjoni għalkemm mhux fil-bidunett u
(e) qieset dak li jipprovdi l-artikolu 17(b) tal-Kap 9

Qed tikkundanna lill-imputat għal 14-il xahar priġunerija[2].

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Ma japplikax l-artikolu 17(h) fejn wieħed ikun iffalsifka u imbagħad uża l-istess document. Ara: Notes on Criminal Law tal-Professur Mamao Part 1).